MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 256/2007

Kawza fil-lista: 29

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu fil-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) fir-Registru taz-Zwigijiet, Valletta, Malta u dan kif jirrizulta minn Dok. A.

Illi miz-zwieg taghhom ma twieldu l-ebda tfal.

Illi l-hajja konjugB tal-kontendenti saret impossibli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra zewgha l-attur, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Illi in oltre, il-hajja konjugB bejn il-partijiet saret impossibli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru.

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx peress illi l-konvenuta ma attenditx darbtejn u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok. B.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personB bejn il-kontendenti konjugi minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra zewgha l-attur, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, oltre dan, minhabba illi l-hajja konjugB bejn il-partijiet saret impossibli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru, u tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta.

2. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta fis-shih jew parzjalment b’ dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenuta titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta’ l-attur u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenuta tkun tat lok illi ssir din is-separazzjoni.

3. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti konjugi okkorrendo b’ opera ta’ perit nominand.

4. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’ zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwB.

5. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkonsenja lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, l-oggetti parafernB tieghu inkluz flejjes, stocks, shares, deheb u hagar prezzjuz, u fin-nuqqas tikundannaha thallas lill-attur l-valur taghhom kif jigi hekk likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li tigi pronunzjata s-separazzjoni personB minn ma' martu l-konvenuta, minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment bi htija unika tal-konvenuta fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-povi jirrizulta nkontestat li l-partijet izzewwgu fil-11 ta' Dicembru 2003; u fis-sena 2006 l-attur mar il-Germanija biex isegwi kors ta' studju. Meta gie lura f' Marzu 2007 skopra li martu kienet harget tqila minn ragel iehor. Konsegwenza ta' dan, huwa ttermina r-relazzjoni tieghu minn ma' martu, u l-partijiet isseparaw de facto.

L-attur jghid li llum huwa jghix wahdu, filwaqt li martu baqghet tghix ma' dak l-istess ragel. Illi fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2008 il-konvenuta ddikjarat li "hija kienet iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand zewgha l-attur ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 38 tal-Kap.16"

Illi mill-provi jirrizulta manifest li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba l-adulterju kommess mill-konvenuta, liema fatt jinsab ammess minnha stess. Ghalhekk t-talba ta' l-attur ghas-separazzjoni personB minn ma' martu tinsab gustifikata fil-fatt, u fid-dritt skond l-

artikolu 38 fuq citat, liema artikolu tal-ligi jattira fil-konfront tal-konvenuta l-applikazzjoni tad-dispost ta' l-artikolu 48 fl-intier tieghu; u ghal fini tas-sub inciz [1][c] ta' l-istess artikolu, il-Qorti tikkunsidera t-28 ta' Frar 2007 bhala d-data li fiha sehhet il-kawza li tat lok ghas-separazzjoni personB bejn il-partijiet.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi mill-affidavit mhux kontraddett jirrizulta li wara l-imsemmija data, l-attur xtara l-vettura Peugeot 205 f' Lulju 2007, u f' April ta' l-istess sena kien xtara 600 ishma fil-Kumpanija Al Kifah Co.Ltd. Jghid li dawn akkwistahom bil-hidma tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti qed tassenja lill-attur fl-intier taghhom din il-vettura u l-ishma fil-kumpanija fuq indikata.

L-attur jghid li hadd mill-partijiet m' ghandu proprjeta' parafernB ta' xulxin; u inoltre ma jafx xi proprjeta' akkwistat martu wara s-separazzjoni de facto.

Ghaldaqstant il-Qorti tordna li kull parti zzomm l-oggetti mobbli kollha li ghandha fil-pussess taghha; u li l-kontijiet bankarji jigu assenjati lil dik il-parti li fuqha huma ntestati il-kontijiet. Inoltre, kull parti qed tigi assenjata fl-intier tieghu d-dejn li ghamlet ad insaputa tal-parti l-ohra.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personB bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenuta u li sehhew fit-28 ta' Frar 2007;

[2] tilqa' t-tieni talba, u tapplika fil-konfront tal-konvenuta d-dispost fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16;

[3] tilqa' t-tielet u r-raba' talba, u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u li din tigi assenjata kif fuq stabbilit u ordnat;

[4] tichad il-hames talba, stante li l-attur stess jghid li hu m' ghandux proprjeta' parafernB tieghu fil-pussess tal-konvenuta.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuta, hlief dawk relattivi ghal-hames talba li ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------